**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Novembru 2020**

Rikors Numru: 312/20 AL

A B

vs

C D

Rat ir-rikors li gie pprezentat mir-ikorrenti u li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fil-25 ta' Lulju tas-sena 2005 fil-Knisja Martorana, f' Palermo, Sqallija, ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. A'.

2. Illi il-partijiet kien ilhom de facto separati, ċioe' jgħixu indipendenti minn xulxin sa' minn Ottubru tas-sena 2015, u dan il-fatt jinsab ikkonfermat fil-klawsola (f) tal-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, ippublikat fl-atti tan-Nutar Dottor Thomas Vella tal-15 ta' Novembru tas-sena 2017, kopja tal-kuntratt hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok B'.

3. Illi ma hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet illi llum għandhom ħajja totalment separata u ndipendenti minn xulxin.

4. Illi kif joħroġ ċar mill-kuntratt tas-separazzjoni 'l fuq msemmi, l-intimata għandha l-obbligu sabiex tħallas lill-esponent manteniment ta' mitejn u ħamsin ewro (EUR 250) fix-xahar għall-bżonnijiet tat-tifel skont il-liġi.

5. Illi ma jeżistu ebda pendenzi naxxenti mill-kuntratt tas-separazzjoni jew mod ieħor bejn il-partijiet.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u fiċ-ċirkostanzi għalhekk, mhux meħtieġ li ssir medjazzjoni bejniethom.

Talab li l-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif maħsub fl-imsemmi Artikolu 66C tal-Kap 16 tl-Liġijiet ta' Malta.

2. Tordna r-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili sabiex f' terminu ffissat minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li tibqa' nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti  li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' Ottubru, 2020;

Rat illi l-intimata debtitament notifikata ma dehritx ghal dawn il-proċeduri u ma pprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta' Novembru, 2017 u *de facto* separati minn Ottubru,2015.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.